MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 1182/2010

**Elton Brincat**
**vs**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Elton Brincat tas-16 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi b'sentenza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 5 ta' Novembru 2010 per Magistrat Miriam Hayman, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli jew immobbli ohra tar-rikorrent fit-termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu 3A tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-esponent ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ta' *inter alia* assocjazzjoni sabiex tigi ttraffikata d-droga;

Illi l-esponent qieghed prezenzjalment jipprevalixxi ruhu mid-dispost kif ravvizat fl-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-flejjes tieghu mhix profit jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza jew akkwista direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profit jew dhul bhal dak;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha

1. Tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-flejjes tieghu;

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jissolleva l-irritwalita` tar-rikors promotur, stante li dan ma giex sostnut minn dokumenti u lanqas gie akkumpanjat minn elenku tax-xhieda kif inhu rikjest mill-artikolu 22C(3) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta u anke mill-artikolu 7(3) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta` Malta, liema kapitolu tal-Ligi ghandu rilevanza diretta ghall-kaz odjern kif ser jigi muri sussegwentement;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak premess, fis-sentenza li qed issir riferenza ghaliha mir-rikorrent fir-rikors tieghu, fost l-ohrajn huwa kien instab hati ta` akkuzi ta` traffikar ta` droga u hasil ta` flus taht il-Kapitoli 101 u 373 tal-Ligijiet ta` Malta, wara ammissjoni tieghu stess, kif jista` jigi edott minn dik l-istess sentenza, li qed tigi annessa ma` din ir-risposta bhala Dok. A. Il-Qorti sussegwentement harget ordni ta` konfiska abbazi ta` l-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, ta` l-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta` Malta u ta` l-artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Illi d-definizzjoni ta` 'hasil ta` flus' moghtija mill-Kap. 373 tal-Ligijiet ta` Malta hija tassattiva fis-sens illi turi bic-car li kull kaz fejn hemm proprjeta`, inkluz flus, li jkollha provenjenza li tkun b'xi mod konnessa ma` attivita` kriminali, fosthom traffikar ta` drogi projbiti mill-Kap. 101, huwa kaz ta` hasil ta` flus. Il-fatt li r-rikorrent waqt

proceduri kriminali ammetta din l-akkuza fil-konfront ta` dawn il-flus kontanti, ifisser illi huwa ammetta li dawn il-flus gew b'rabta ma` traffikar ta` droga u ghalhekk, ma hemm l-ebda prova li jista` jgib biex juri li l-flus kontanti kkonfiskati gew minn sorsi ohra leciti u minghajr konnessjoni ma` tali traffikar;

4. Illi ghalhekk ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, gialadarba ma tistax tintwera prova ta` provenjenza lecita fid-dawl ta` tali ammissjoni ghal akkuzi ta` hasil ta` flus, il-konfiska taht l-artikolu 22A tal-Kap 101 tibqa` vigenti, u dan ghal ragunijiet ovvji;

5. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, it-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda;

6. Illi finalment, minghajr hsara ghas-suriferit, l-esponenti jirrileva illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta` agir ta` l-esponent, u ghalhekk l-esponent ma ghandux jigi kkundannat ihallas xi spejjez mill-kawza odjerna;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-inkartament tal-proceduri kriminali mehuda fil-konfront ta' Elton Brincat; ix-xiehda kollha prodotta waqt dawn il-proceduri; semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-procediment thalla ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2011;

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Dan hu procediment mehud taht l-artikolu 22C tal-Kap. 101.

Elton Brincat, kien gie akkuzat fil-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali b'diversi akkuzi fosthom ta' pussess ta' droga minghajr licenzja jew awtorizazzjoni u f'cirkostanzi li juru li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu; u dan kollu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie wkoll akkuzat b'money laundering in konnessjoni mal-istess droga taht il-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn l-akkuzi gew maghmula fil-konfront ta' Elton Brincat wara li l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Elton Brincat fit-22 ta' Marzu 2009 fejn kien ighix fid-dar tal-genituri tieghu 11 Guze Bajada Street, Hamrun, wara li l-istess pulizija kienu ottjenew mandat biex issir tali tfittxija. F'din it-tfittxija l-pulizija sabu kwantita ta' droga u flus kontanti f'kamartu imremmblin mazz mazz b'ismijiet miktubin fuqhom, b'kollox ammontanti ghal €19,300, uhud minnhom nies maghrufa mill-pulizija. Waqt il-proceduri quddiem din il-Qorti s-Supretendent Norbert Ciappara xehed li huma dahlu fid-dar wara li r-rikorrenti hareg mid-dar u sab ruhu rinfaccjat mill-pulizija. Hu qalilhom li ma kien hemm hadd id-dar biex jifthilhom u ssir tfittxija pero wara li l-pulizija cemplu l-bieb, fethet ommu li meta rat il-pulizija ppruvat tahbi basket li sussegwentement irrizulta li kien fih id-droga maqbuda, u affarijiet ohra. Il-flus pero instabu fil-kamra tas-sodda ta' Elton Brincat.

Jirrizulta mill-atti li l-ahhar xoghol li kellu Elton Brincat kien fil-31 ta' Marzu 2006 fejn kien registrat mal-ETC bhala part time helper ma' missieru u wara dik id-data ma baqax hekk registrat.

Jirrizulta wkoll mill-espert tal-Qorti Istuttorja dwar il-kalagrafija, Joseph Gaffiero, illi l-kitba fuq il-karti li fihom kienu mremmblin il-flus kienet kollha ta' Elton Brincat.

Jirrizulta wkoll illi meta nstabu l-flus u gew maghduda mill-pulizija, dan sar quddiem Elton Brincat u ommu li ffirmaw ricevuti li l-flus ittiehdu mill-pulizija.

Fil-mori tal-proceduri kriminali, Elton Brincat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi u l-Qorti in vista ta' din l-

ammissjoni ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija u ordnat is-sekwestru tal-flus misjuba cioe €19,300 u dan wara li rat l-artikolu 22A tal-Kap. 101, l-artikolu 5 tal-Kap. 373 u 23A tal-Kap. 9.

Ghal precizjoni, waqt it-trattazzjoni dwar il-piena quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Gudikatura Kriminali qabel id-decizjoni, id-difensur ta' Elton Brincat talab lil Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-allegazzjoni li parti mill-flus maqbuda kienu ta' missier Elton Brincat, illum mejjet, u kienu fdati lilu minhabba x-xoghol ta' hawker li missieru kellu fuq il-Monti.

Waqt il-proceduri prezenti, omm Elton Brincat, fl-affidavit taghha a fol. 20 tal-process xehdet li s-somma ta' €14,000 kienu flus taghha u ta' zewgha li kienu afdati f'idejn binhom Elton Brincat biex ihallsu lill-agenti ghax-xoghol jew merkanzija mixtrija minn Paul Brincat missier ir-rikorrenti. Skond ix-xhud, dawn il-flus gew mghoddija minn Paul Brincat lil ibnu biex jaghmel il-hlasijiet lill-kredituri hu ghax Paul Brincat ma kienx jiflah u l-istat mentali tieghu ma kienx tajjeb. Dawn il-flus kienu nghataw lil Elton Brincat f'dawk il-granet li saret it-tfittxija. Qalet li missieru kien jiehu lil ibnu fuq il-Monti biex jghaddilu l-business f'idejh bil-mod billi kien l-uniku wild. Fil-kontro ezami qalet illi rat lil zewgha jaghti l-flus lit-tifel izda mhux kollha f'salt.

Elton Brincat jikkonferma x-xiehda ta' ommu, u jzid illi kien ilu nieqes mid-dar xi tlett snin u kien irritorna xi xhur qabel saret it-tfittxija. F'dan iz-zmien qal li missieru kien jafdah fil-garage biex jiehu hsieb l-ordnijiet u jhallas lill-agenti meta jigu. Hu stqarr li mhux dejjem hallas lill-agenti u kien izomm il-flus biex jaghmel tajjeb ghall-vizzju tieghu. Qal li hu kien li rambel il-flus f'pakketti bl-ismijiet fuqhom uhud minnhom tal-agenti tan-negozju u ohrajn tad-droga.

**Konsiderazzjonijiet**

Kull gudizzju hu marbut ma' dak mitlub u xejn aktar. Dan hu principju legali li ghandu jigi applikat bla eccezzjonijiet ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tidhol f'riskju li ssir parti fil-proceduri b'nuqqas ta' imparzjalita mistenni minnha u

ma tibqax l-organu moghti l-poter li jiddeciedi vertenza bejn il-partijiet strettamenti fil-limiti ta' dak mitlub u eccepit.

F'dan il-kaz Elton Brincat ghamel talba specifika. Hu pprevalixxa ruhu mid-dispost tal-artikolu 22C tal-Kap. 101 wara li l-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli jew immobbli tar-rikorrenti fit-termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu 3A tal-artikolu 22 tal-Kap. 101.

Tajjeb li jigu riprodotti l-artikoli relevanti fil-vertenza. L-artikolu 22C(1) li tahtha nbdew il-proceduri jghid hekk:
22C(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

L-artikolu 22(3A)(d) li jsir referenza ghalih mis-sudett artikolu jghid hekk:
22(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subarikolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –

(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta.

Dan l-artikolu imbaghad jirreferik ghal sejbien ta’ htija skond l-artikolu 24A(1) li fis-subinciz (e) ighid hekk:

24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Generali jkollu raguni bizzejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk izjed ’il quddiem imsejha "il-persuna suspettata"):

(e) tkun hatja tar-reat ta’ pussess ta’ xi medicina kontra ddisposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati …

U din kienet wahda mill-akkuzi li tahthom instab hati Elton Brincat u li ghalhekk avalixxa ruhu mall-artikolu 22C(1) biex jibda l-azzjoni odjerna.

Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta mobbli jew immobbli mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi biex il-Qorti tordna l-konfiska. Infatti l-kelma uzata f’dan l-artikolu 22(3A), hi ’ghandha b’zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha’ ... ’tordna l-konfiska’ ...

Ghalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali taghha sabet htija wara ezami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkuzat ma kien jaghmel ebda differenza ghall-ordni ta’ konfiska. U ghalhekk il-legislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proceduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tista’ tavvali ruhha mill-procedura specjali msemmija fl-artikolu 22C biex tiehu lura l-oggetti konfiskati jekk jigu ppruvati l-estremi provduti fl-istess ligi.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali, ’Il-Pulizija vs Elton Brincat’ riprodotta fl-atti tal-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali fejn jidher li bi svizta l-Qorti flok ordnat il-konfiska ordnat is-sekwestru taht l-artikolu 22A. Hu car illi dan sar bi zball ghax l-ordni ta’ sekwestru japplika ghal waqt il-proceduri u mhux fl-ghoti tas-sentenza pero din il-Qorti ser

toqghod fuq dak li jidher l-intendiment car ta’ dik il-Qorti cioe li tordna l-konfiska tal-flus li nstabu fil-pussess ta’ Elton Brincat, mertu tal-kawza in kwistjoni.

Il-Kummissarju tal-Pulizija qed jissottometti pero illi la darba r-rikorrenti ammetta l-akkuza ta’ money laundering allura hu ammetta implicitament li l-flus li nstabu kienu konnessi mar-reat ta’ traffikar ta’ drogi projbit bil-Kapitolu 101. Hu jallacja dan l-argument mad-definizzjoni ta’ ’money laundering’ li tghid li kull kaz fejn hemm proprjeta li jkollha provenjenza b’xi mod konnessa ma’ attivita kriminali (inkluz traffikar ta’ droga projbit mill-Kap. 101) dan hu kaz ta’ money laundering. La darba hemm din l-ammissjoni implicita, allura ebda prova ma tista’ ssir kontra din l-ammissjoni.

Dan l-argument ma jreggix ghax bhal kaz tal-Kapitolu 101, l-artikolu 7 tal-Money Laundering Act Kapitolu 272 jaghti l-fakolta li wara l-ordni ta’ konfiska impost mill-Qorti fl-artikolu 3 tal-istess Att, il-persuna misjuba hatja jew terz interessat ghandu l-jedd li jitlob ir-rilaxx ta’ dawk l-oggetti konfiskati jekk jipprova li ma jkunx relatat mar-reat li tieghu ikun gie misjub hati. L-artikolu 3(5) fil-fatt jaghmilha tassattiva fuq il-Qorti tal-Magistrati fis-Sede Kriminali taghha li timponi l-ordni ta’ konfiska u mhux xi diskrezzjoni fakollattiva tal-istess Qorti li taghmel tali ordni. Dawn l-artikolu hu replika ta’ dak li jinstab fil-Kapitolu 101 precitati.

Ghalhekk bhal kaz tal-Kapitolu 101, il-legislatur ha hsieb li jaghti l-fakolta tal-persuna misjub hatja sabiex tiehu passi entro termini u kondizzjonijiet stretti biex jitlob ir-ripresa tal-oggetti konfiskati. F’dan il-sens ghalhekk is-sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tistax treggi.

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

Kif qalet il-Qorti fil-kawza Francis Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija (PA 31.05.2010) (Rikors 423/2010):

F’dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad

bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma’ profitt jew dhul minn ghemil ta’ reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-propjeta’ jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema’ minn Qorti ta’ kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta il-grad ta’ prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta’ probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali (**“Abela vs Kummissarju tal-Pulizija” – PA/JRM – 6 ta’ Ottubru 2005**).

Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta’ reat kontra l-Kap.101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta’ dik il-ligi fejn *si tratta* tal-konfiska tal-gid ta’ persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f’termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.

Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa’ kollha jew f’xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b’dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta’ dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru *jidher* li johloq presunzjoni (“**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**” op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b’reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita’ kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F’dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b’mezzi legittimi jrid ikun x’aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta’ ghejxien.

F’dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma illi r-rikorrenti ma rnexxilux iwassal lil Qorti ghal konvincement li l-maggor parti tal-flus misjuba ma kienux tieghu izda tal-genituri tieghu.

Ma ngiebet ebda prova da parti tar-rikorrenti jew ommu li l-flus kienu jippartjenu lin-negozju legittimu ta’ missier ir-rikorrenti bhala bejjiegh fis-suq. Ommu tghid biss li kienu fdawlu l-flus biex ihallas lill-agenti ghax-zewgha ma kienx jiflah u jbati mid-depression. Pero fil-fatt fil-kontro ezami qalet li zewgha kien baqa’ jahdem fis-suq ghalkemm meta jkun ma jiflahx ma jmurx. Ma giebet ebda prova tal-persuni li lilhom kienu dovuti iktar minn €14,000 fil-pussess ta’ binhom, avolja fuq il-mazez kien hemm l-ismijiet ta’ persuni. Omm ir-rikorrent, mistoqsija mill-Qorti, qalet li l-kredituri ma talbux flushom. Inoltre li hu stramb hu kif il-genituri tar-rikorrenti kienu ser jafdaw lir-rikorrenti b’tant flus meta kienu konsapevoli tal-problema li kellu u prova ta’ dan hi l-fedina penali estensiva tal-istess rikorrenti u x-xhieda stess ta’ omm ir-rikorrenti. Ghalkemm gie allegat li r-rikorrenti kien jahdem ma’ missieru, dan ma rrizultax ghax skond l-ETC, l-ahhar li kien registrat bhala part time helper ma’ missieru kien fl-2006 meta nqata mir-registru tax-xoghol. Ir-rikorrenti jghid li missieru kien jafdah fil-garaxx jircievi l-merkanzija u jhallas lill-agenti. Pero r-rikorrenti ma jsemmix min kienu. Ighid biss li l-flus kienu mremblin f’mazzez li fuqhom kiteb l-ismijiet xi whud tal-agenti u whud tad-dealers tad-droga.

Hu wkoll stramb kif il-kontenzjoni dwar il-provenjenza tal-flus qamet biss vicin is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali u ma ssemmietx qabel, lanqas meta r-rikorrenti jew ommu taw l-istatament taghhom lil-pulizija.

Dawn il-fatturi kollha thalli lil din il-Qorti skonvinta mill-allegazzjoni li saret mir-rikorrenti u l-boghod sew mill-konvincement necessarju biex ir-rikorrenti jkollu sostenn kredibbli ghal pretensjoni tieghu.

Ghalhekk il-Qorti wara li qieset il-fatti kollha ssib illi r-rikorrenti ma gabx prova sodisfacenti li juri li l-flus li gew elevati mid-dar tieghu ma kienux profitt jew dhul mir-reati li

taghhom instab hati u ghalhekk taqta’ u tiddecidi billi tichad it-talba tieghu, bl-ispejjez kollha kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------